



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2014/2233(INI)**

7.5.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-impatt estern tal-politika kummerċjali u tal-investiment tal-UE fuq l-inizjattivi pubbliċi-privati fpajjizi barra mill-UE  
(2014/2233(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Dita Charanzová

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar fl-importanza tas-sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi kemm fis-suq uniku kif ukoll 'il barra minnu; jenfasizza r-rwol strateġiku li l-PPPs għandhom fl-immodernizzar tal-infrastruttura, b'mod partikolari l-infrastruttura tal-enerġija, tal-ilma, tat-toroq u dik diġitali; jinnota li l-kumpaniji Ewropej huma mgħammra sew biex jikkompetu għal tali arranġamenti u biex iwettqu l-operat tagħhom;
2. Jenfasizza li l-impatt pożittiv tal-PPPs jirriżulta minn twettiq imtejjeb ta' proġetti, proporzjon tajjeb tal-benefiċċji mqabbla mal-ispejjeż, il-possibbiltà għal finanzjament fit-tul tal-ispejjeż, l-istimolu previst għall-innovazzjoni u r-riċerka u ambjent ta' ġestjoni aktar flessibbli u kkwalifikat;
3. Iqis il-fatt li l-PPPs huma karatterizzati minn ċiklu tal-ħajja twil li kultant jestendi minn 10 sa 30 sena; jemmen li ċ-ċiklu tal-ħajja tal-PPPs għandu jkun sinifikanti u konsistenti mal-oġettivi mfittxija f'termini tax-xogħol, tal-prodotti u tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, mingħajr distorsjoni artifiċjali tal-kompetizzjoni jew ħolqien ta' spejjeż ogħla u piż żejjed għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-kontribwenti;
4. Ifakkar li hemm numru ta' riskji inerenti fil-proġetti infrastrutturali (b'mod partikolari dawk relatati mal-bini, l-ambjent, it-telekomunikazzjonijiet u n-netwerks tal-enerġija) u li l-gvern, permezz tal-PPPs, jittrasferixxi parti mir-riskju lill-kuntrattur privat, sabiex it-tnejn li huma jkunu jistgħu jiksbu l-benefiċċji iżda wkoll jaqsmu r-riskju u r-responsabbiltajiet ta' tali proġetti; jenfasizza, barra minn hekk, li l-qsim adegwat tar-riskju huwa essenzjali sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' proġett u jiġu żgurati l-implimentazzjoni b'suċċess u l-viżibbiltà tiegħu;
5. Ifakkar li l-PPPs huma kkaratterizzati mill-valur għoli u l-komplessità teknika tagħhom, u mill-impenn fit-tul tal-partijiet ikkonċernati; jinnota li, konsegwentement, jeħtieġu livelli xierqa kemm ta' flessibbiltà kif ukoll ta' salvagwardji proċedurali biex jiżguraw trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali;
6. Jenfasizza l-bżonn li jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess għall-partijiet kollha involuti f'PPP, partikolarment permezz ta' proċeduri ta' selezzjoni ġusti u trasparenti li permezz tagħhom il-gvernijiet jiżviluppaw tali sħubijiet;
7. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-PPPs irid jieħu kont, b'mod partikolari, tal-isfidi għall-SMEs ibbażati fl-UE b'rabta mal-fatt li jikkompetu fis-swieq internazzjonali fil-kuntest ta' PPP kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-SMEs jiksbu aċċess konkret, ġust u reċiprodu, notevolment fis-settur tal-utilitajiet, kif stabbilit fid-Direttiva 2014/25/UE; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' regoli speċifiċi li jippermettu offerta kollettiva jew raggrupjata mill-SMEs u l-użu ta' ktajjen ta' sottokuntrattar miftuħa u trasparenti;

8. Ifakkar li l-PPPs għandhom joffru valur miżjud għoli liċ-ċittadini u l-konsumaturi, jiżguraw servizzi u/jew prodotti ta' kwalità u jipprovdu vantaġġi kompetittivi u ekonomiċi konkreti lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, kemm fil-livell tal-gvern kif ukoll f'dak lokali, filwaqt li jevitaw li joħolqu piż żejjed jew telf għas-settur pubbliku;
9. Jenfasizza li, filwaqt li l-arranġamenti tal-PPP jistgħu jieħdu diversi forom, il-leġiżlazzjoni tas-suq uniku tistabbilixxi standards proċedurali għoljin; jinnota li din il-leġiżlazzjoni għet riveduta u kkonsolidata fid-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE dwar l-akkwist pubbliku, fid-Direttiva 2014/23/UE dwar il-konċessjonijiet, u fil-qafas tal-linji gwida dwar il-PPPs istituzzjonalizzati; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-possibbiltà li tipprovdi lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw assistenza teknika u pariri dwar kif jippreparaw u jimplementaw l-istandards tal-UE fis-swieq tagħhom;
10. Jenfasizza li s-swieq tal-UE għall-akkwist pubbliku huma fil-biċċa l-kbira tagħhom miftuħa għall-kompetizzjoni internazzjonali, b'regoli mmirati lejn it-tisħiħ ta' kompetizzjoni ġusta u effikaċi fi f'dan is-suq uniku, lejn il-kisba ta' tkabbir inklużiv ibbażat fuq il-prinċipju ta' kuntratti li jingħataw skont l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża u lejn il-forniment ta' kundizzjonijiet ekwi għall-investituri internazzjonali; ifakkar li ma hemm ebda diskriminazzjoni abbażi ta' sjieda jew kontroll barranin, u li kumpaniji minn barra jistgħu jistabbilixxu ruħhom lokalment sabiex jipparteċipaw f'PPPs;
11. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet ta' kummerċ tal-Unjoni jkun fihom il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu lill-kumpaniji Ewropej jikkompetu f'termini ugwali mal-kumpaniji nazzjonali barra mill-UE; jikkunsidra li dan jinkludi aċċess għas-servizzi relatati, flimkien ma' regoli ċari u ekwi dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-offerti u dwar il-kriterji tal-għoti; jenfasizza li aktar trasparenza kif ukoll l-iżvilupp ta' proċeduri onlajn huma ta' importanza partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-konklużjoni ta' PPPs sostenibbli u inklużivi;
12. Jissottolinja li, sabiex is-settur privat ikun attiratt lejn il-PPPs, b'mod partikolari dawk transkonfinali, huwa importanti ħafna li l-investituri jingħataw biżżejjed garanziji li l-investment fit-tul tagħhom se jibbenefika minn ambjent sikur, ċertezza tad-dritt u governanza tajba; jenfasizza għalhekk il-bżonn li tiġi żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-investimenti u tal-assi ekonomiċi miżmuma mill-kumpaniji Ewropej bħala parti mill-arranġamenti tal-PPP barra mill-UE;
13. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem fl-isfera tal-politiki u l-ftehimiet dwar il-kummerċ bil-ħsieb li tiftaħ l-aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej fil-kuntest tal-arranġamenti tal-PPP barra mill-UE;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-korpi appoġġjati mill-UE bħall-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) u n-Netwerk Enterprise Europe (EEN) jkunu jistgħu wkoll ikollhom aċċess u jaqsmu informazzjoni mal-SMEs dwar kif jidħlu f'PPPs fi stati barra mill-UE u jipromwovu l-parteeipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'PPPs f'pajjiżi terzi;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex, hija u tinnegozja l-ftehimiet ta' kummerċ u investment ma' pajjiżi oħra, tappoġġja t-tneħħija ttal-ostakoli għall-kumpaniji tal-UE, u b'mod partikolari l-SMEs, sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu f'PPPs f'dawn il-pajjiżi u tappoġġja l-

mobbiltà professjonali taċ-ċittadini tal-UE f'dawn l-istati, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jikkompetu fuq livell ugwali ma' kumpaniji nazzjonali u kumpaniji li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.5.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 -: 5 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dita Charanzová, Anna Maria Corazza Bildt, Nicola Danti, Dennis de Jong, Ildikó Gáll-Pelcz, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Sergio Gutiérrez Prieto, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Antonio López-Istúriz White, Marlene Mizzi, Eva Paunova, Jiří Pospíšil, Marcus Pretzell, Robert Rochefort, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Igor Šoltes, Ivan Štefanec, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Mylène Troszczynski, Mihai Țurcanu, Anneleen Van Bossuyt, Marco Zullo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Biljana Borzan, Birgit Collin-Langen, Jens Nilsson, Julia Reda, Sabine Verheyen
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Petras Auštrevičius, Damiano Zoffoli